NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 32 - IT-TLIETA 14 TA' APRIL 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:32pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat (ma jiflaħx): | Clifford Galea | Kunsillier |

Pubbliku: Ma kienx hemm persuni mill-pubbliku preżenti iżda attenda s-Sur Julian Zarb, espert dwar it-turiżmu, flimkien ma' erba' studenti barranin li qed jassistuh fuq proġetti dwar turiżmu.

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Galea ma kienx jiflaħ u għalhekk ma setax jattendi. Kopja tal-email mibgħuta mill-Kunsillier Galea hija annessa f'A.

**2. IL-PROĠETT AUTHENTIC EUROPE NETWORK FIN-NAXXAR**

2.1. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti l-ewwel parti ta' dan is-suġġett u stieden lis-Sur Julian Zarb biex jagħmel preżentazzjoni minħabba li se jkun qiegħed jassisti lill-Kunsill volontarjament fuq dan il-proġett.

2.2. Is-Sur Zarb fakkar li t-tema hija propju l-isem tal-proġett filwaqt li huwa essenzjali biex kemm jista' jkun l-attivitajiet isiru kollha fin-Naxxar. Fakkar ukoll li dan huwa proġett tal-komunità u għalhekk importanti li l-Kunsill jinvolviha kemm jista' jkun.

2.3. F'dan il-ħin kien ippreżentat abbozz ta' programm li kien imħejji mill-Kunsilliera Maryanne Cuomo, is-Sur Zarb u s-SE.

2.4. Il-Kunsill qabel mal-abbozz tal-programm u awtorizza li jkompli l-proċess fuq dik il-linja.

2.5. Is-Sur Zarb wiegħed ukoll l-assistenza tal-istudeni barranin filwaqt li kienu mitluba jintroduċu lilhom infushom.

2.6. Il-Kunsill imbagħad irringrazzja lis-Sur Zarb.

2.7. Il-Kunsill qabel li jgħaddi immedjatament għas-suġġett numru 9 fuq l-aġenda dwar il-ġbir ta' skart separat.

## 3. ĠBIR TA' SKART SEPARAT U REVIŻJONI TAL-POSTIJIET TAL-BRING IN SITES (BIS)

3.1. Fid-dawl tal-ftehim il-ġdid ma' GreenPak, u minħabba li se tibda ssir promozzjoni biex aktar nies jisseparaw l-iskart, il-Kunsill iddiskuta s-suġġeriment li mill-1 ta' Ġunju l-ġbir tal-borża l-ħadra (li qabel kienet griża) jibda jsir it-Tlieta u l-Ġimgħa minflok it-Tlieta u l-Ħamis.

3.2. Dwar il-lokazzjoni tal-BIS il-Kunsill iffoka fuq dik ta' Triq l-Imdina li kien hemm reżistenza mir-residenti għaliha. Is-SE spjega li minkejja li kien hemm l-intenzjoni li qabel ma jitpoġġew tintbagħat ittra lir-residenti, ma laħqux ħarġu l-ittri qabel ma bdew ikunu installati fil-post miftiehem ma' GreenPak.

3.3. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dawn ma jitpoġġewx fil-post imsemmi.

3.4. Sadanittant il-Kunsill kien infurmat ukoll li dawk li kien hemm aktar 'l isfel tneħħew.

3.5. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sciberras talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien it-20:34.

3.6. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti s-suġġetti numru 4 u 5 fuq l-aġenda u għalhekk stieden lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex tispjega r-rapporti.

## 4. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU 2014 VERIFIKAT

4.1. L-accountant spjegat li b'riżultat tal-vierifika saru xi aġġustamenti iżda dan ma biddel xejn mix-xenarju finanzjarju pożittiv li kien hemm.

4.2. Wara spjegazzjoni mill-accountant dwar it-tibdiliet li kien hemm il-Kunsill unanimament approva r-rapport.

## 5. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TAL-EWWEL KWART TAS-SENA 2015

5.1. L-accountant spjegat is-sitwazzjoni tal-ewwel kwart tas-sena u kkonfermat li dan kien ibbażat fuq kif għalaq ir-rapport finanzjarju verifikat. Spjegat li l-indikatur finanzjarju kien tajjeb ħafna.

5.2. Il-Kunsill unanimament approva r-rapport.

5.3. L-accountant infurmat li din kienet l-aħħar darba li qed tippreżenta rapporti u għalhekk irringrazzjat lill-Kunsill taż-żmien li tat is-servizz fil-Kunsill. Is-Sindku min-naħa tagħha wkoll irringrazzjat lill-accountant.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

6.1. Il-Kunsill approva l-minuti *nem con*.

6.2. Il-Kunsillier Gatt staqsa dwar in-numru 3.6 mill-minuti. Is-SE informa li huwa ma kien semgħa xejn aktar mill-Kunsill Lokali Mosta u kien qiegħed jassumi li assumew ir-responsabbiltà huma. Infatti kull min kien ressaq talba għad-danni kien irreferihom lill-Kunsill Lokali Mosta.

6.3. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar punt numru 3.2 dwar Ġnien il-Paċi. Is-SE informa li kien qiegħed jistenna xi konfermi mingħand l-ELC u anki kwotazzjoni tal-ispejjeż involuti.

6.4. Dwar punt 3.13 il-Viċi Sindku infurmat li kienet attendiet il-laqgħa u li f'din il-laqgħa kienet inawgurata l-inizjattiva SCAN (*Stray Cat Action Network*).

6.5. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar in-numru 3.17 fejn is-SE informa li qed jipprova jikseb stimi għal plakka li tkun tirreżisti l-elementi.

6.6. Dwar punt numru 5.4 il-Viċi Sindku infurmat li għada qed tistenna xi kwotazzjonijiet iżda diġà tħawwlu numru kbir ta' fjuri. Infurmat li saret l-arma tan-Naxxar bil-fjuri fil-Pjazza u tħawwlu s-siġar Cercis fit-triq maġenb il-bandli.

6.7. Is-Sindku ipproponiet li qabel mal-fjuri li jiffurmaw l-arma jiġu mibdula, il-ħamrija għandha tiġi elevata minn wara biex l-arma tidher aħjar. Il-Kunsill qabel.

6.8. Dwar punt numru 7.1 il-Viċi Sindku infurmat li kienet infurmata li jekk ikollna bżonn assistenza l-ELC jistgħu jgħinnuna biex niddisinjaw il-ġnien.

6.9. Il-Viċi Sindku infurmat li l-kors tal-ġarnidaġġ spiċċa u marru tajjeb għalkemm ma sarx promozzjoni biżżejjed.

6.10. Il-Kunsilliera Miceli semmiet punt numru 3.15 fejn infurmat li kienet attendiet għal-laqgħa tal-LEAP filwaqt li aċċetta li jipparteċipa wkoll is-Sur Charles Miceli. Kien hemm 18-il parteċipant u diversi entitajiet. Kunsilli Lokali kienu preżenti biss in-Naxxar u l-Mellieħa. Infurmat ukoll li kienu qed jaħdmu fuq study visit fl-Irlanda.

6.11. Dwar punt numru 6.4 il-Kunsillier Cuomo infurmat li kienet ivverifikat il-kmamar tal-lukanda u sabithom tajbin. Dawn kienu jħarsu fuq il-bitħa. Hija rnexxiela wkoll tirranġa biex jingħataw *welcome drink*.

## 7. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

7.1. Is-SE ta rapport dwar iż-żjara fil-Greċja bħala parti mill-proġett Authentic Europe Network. Huwa informa li ż-żjara kienet tajba filwaqt li d-deċiżjoni tal-Kunsill li jkun hemm preżenti s-Sur Julian Zarb kienet għaqlija ħafna u li tat riżultati tajbin. Huwa infatti rrakkomanda lill-Kunsill li s-Sur Zarb ikun preżenti wkoll għaż-żjarat li jmiss fi Strumyani u Burgos. Il-Kunsill qabel.

7.2. Il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti dan is-suġġett biex jikkonkludi s-suġġett numru 8 fuq l-aġenda.

7.3. Il-Kunsill qabel li għaż-żjara fi Strumyani, li kellha t-tema aktar iffukata fuq l-arti u n-negozju, il-Viċi Sindku għandha tidentifika żewġ persuni mill-qasam tan-negozju u li possibilment għandhom ikunu mill-aktar li jaħdmu. Il-Kunsill qabel li bħala artisti għandu jidentifika persuni li wkoll huma attivi f'dan il-qasam u li jgħinnu lill-Kunsill.

7.4. Il-Viċi Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex isir poster biex jippromwovi l-kompetizzjoni tal-faċċati u l-laqgħat ippjanati għall-konsumatur. Il-Kunsill qabel.

7.5. Is-SE ta informazzjoni fuq is-sitwazzjoni tal-kwistjoni ma' Agricoop fejn l-aħħar offerta mingħandhom kienet li l-Kunsill iħallas 70% tal-kontijiet pendenti flimkien mal-ispejjeż legali. Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-offerta tas-70% iżda mhux li jħallas l-ispejjeż legali.

7.6. Is-SE ressaq talba għall-permess biex jitwaħħal banner b'reklam kummerċjali. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jirreferu lill-MEPA iżda per prinċipju iddikjara kontra banners kummerċjali fit-toroq.

7.7. F'dan il-ħin il-Kunsilliera Miceli kienet skużata mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-21:55.

7.8. Is-SE ippreżenta applikazzjoni mingħand Hilltop Gardens biex ipoġġu 18-il tabella direzzjonali. Huwa ppreżenta il-pjanta fejn huma mixtieqa kif ukoll id-disinn innifsu. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dawn ikunu approvati fil-postijiet indikati kemm-il darba ma joħolqux ostakli lill-*pedestrian.* Madanakollu kien hemm oġġezzjoni fuq il-kulur a bażi tal-fatt li l-Kunsill għandu policy li tabelli simili jsiru fuq bażi aħdar.

7.9. Is-SE ressaq ukoll applikazzjoni biex titpoġġa barrier b'reklam ta' Pillbox Pharmacy fil-viċinanzi ta' Vascas. Il-Kunsill approva iżda m'approvax li titpoġġa fuq is-*centre strip.*

7.10. Is-SE ippreżenta applikazzjoni oħra għal tabella direzzjonali mingħand The Old Charm li kienet approvata.

7.11. Kienet ippreżentata wkoll ittra mingħand LEAP biex titlob lill-Kunsill jidentifika postijiet fejn jistgħu jitpoġġew tabelli direzzjonali għan-Naxxar Family Resource Centre li kien ippjanat li jsir fiċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill ma qabilx li hemm bżonn tabelli ta' direzzjoni la darba kulħadd jaf fejn hu ċ-Ċentru Ċiviku.

7.12. Is-SE ippreżenta talba għal tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet minn Istanbul Turkish Kebab billi jkabbar ukoll il-bankina a spejjeż tiegħu. Dan skont permess mill-MEPA. Il-Kunsill qabel li m'għandux oġġezzjoni. Qabel ukoll li jkun lest jikkunsidra proposta għal irranġar taż-żona wara li jkollu l-pjanijiet eżatti.

7.13. Is-Sindku infurmat li kienet saret laqgħa mas-Sur Paul Catania fil-preżenza tal-Kunsilliera Miceli u s-SE fejn kien hemm qbil li, fin-nuqqas tal-fatt li l-Kunsill m'għandux f'idejh kif se jkun il-ktieb, allura l-Kunsill jikkonsidra x-xiri ta' kotba wara li jkun ippubblikat.

7.14. Is-Sindku infurmat li kienet qed tikkordina l-Healthy Week ma' rappreżentanti tal-Middle School.

## 8. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARJI U INFIQ

8.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'B.

8.2. Il-Kunsill approva wkoll il-listi ta' dħul u infiq, kif annessi f'Ċ u D rispettivament.

8.3. Il-Kunsill approva li jorganizza l-kors iKids ma' TCTC għall-prezz ta' €1100.

8.4. Il-Kunsill approva li jinxtraw żewġ filing cabinets wara li s-SE ippreżenta numru ta' kwotazzjonijiet. Is-SE għandu jixtri l-irħas kemm-il darba jkun addatti.

## 9. XOGĦOL VOLONTARJU MILL-CUBS TAL-ISCOUTS

9.1. Il-Viċi Sindku infurmat li kienet avviċinata mill-iscouts dwar xogħol volontarju mill-cubs. Hija pproponiet li dawn jitqabbdu jiżbgħu il-bankijiet b'xi kuluri. Il-Kunsill qabel.

## 10. ĦRUĠ TA' OFFERTI

10.1. Is-SE informa li kienu waslu biex jgħalqu l-offerti tal-istampar tal-fuljett, tat-tqassim ta' materjal, tal-gwardjan tal-multipurpose pitch kif ukoll għall-konsulenza dwar applikazzjonijiet għall-ippjanar għall-iżvilupp.

10.2. Il-Kunsill approva kif kienu ppreżentati bl-eċċezzjoni tal-Gwardjan tal-Multipurpost pitch li ma ried li jkun inkluż it-tlugħ tal-bandiera.

## 11. TMIEM IL-LAQGĦA

11.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jaġġorna. Kien għad fadal jiddiskuti r-rapport tas-SE dwar proċess dwar miżuri tat-traffiku u tisbieħ taċ-ċentru. Il-Kunsill qabel li dan jittrattaħ fil-laqgħa li jmiss.

11.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta l-5 ta' Mejju 2015.

11.3. Il-laqgħa intemmet fl-22:35.

| | |
|---|---|
| **MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD*** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

A



Gmail by Google

**Paul Gatt** <[redacted]>

# Iaqgha l-lejla

**Clifford Galea** <[redacted]>
To: Paul kunsill lokali Naxxar <[redacted]>

14 April 2015 at 18:49

Ghaziz Paul,

Il-lejla ninsab indispost ghax ftit ma niflahx

grazzi hafna
clifford

--
Clifford Galea M.A Baroque Studies (Melit.)

**B**

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 32

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mil-4 ta' Marzu 2015 sas-7 ta' April 2015**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Feb 15 | 02/03/2015 | 25 of 2015 | n/a | n/a | 3140 | |
| 2 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Mar 15 | 01/04/2015 | 39 of 2015 | n/a | n/a | 3140 | |
| 3 | Anne Marie Muscat Fenech Adami | €23.00 | €23.00 | D | PF | Subsistence għal ikla waħda għall-ewwel lejl f'istanbul - Project Authentic Europe Greece Mar 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | 18573 |
| 4 | Ansek | €159.00 | €159.00 | D | PF | Registration fee for Udite Congress in Antwerp as approved by Council | 02/03/2015 | 1 | n/a | n/a | 2540 | |
| 5 | Ansek | €190.00 | €190.00 | D | PF | Renewal of membership for Naxxar Local Council for 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2530 | |
| 6 | Ansek | €50.00 | €50.00 | D | PF | Renewal of membership for BIC Adm Committee for 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2530 | |
| 7 | Anthony Sant | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq il-Qoton | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18569 |
| 8 | Arms Ltd | €2,147.78 | €2,147.78 | D | PF | Electricity & water consumption bill for NLC offices [25/9/14 till 23/12/14] | 26/02/2015 | 19975380 | n/a | n/a | 2130 | 18485 |
| 9 | Bitmac Works Ltd | €91.00 | €91.00 | K | PF | Instant road repair | 05/03/2015 | 114770 | 5112 & 5120 | 5112 & 5120 | 2311 | |
| 10 | Bitmac Works Ltd | €136.50 | €136.50 | K | PF | Instant road repair | 13/03/2015 | 115017 | 5128 | 5128 | 2311 | |
| 11 | Bitmac Works Ltd | €22.75 | €22.75 | K | PF | Instant road repair | 23/03/2015 | 115267 | 5128 | 5128 | 2311 | |
| 12 | Bitmac Works Ltd | €159.25 | €159.25 | K | PF | Instant road repair | 25/03/2015 | 115384 | 5134 | 5134 | 2311 | |
| 13 | Bitmac Works Ltd | €45.50 | €45.50 | K | PF | Instant road repair | 01/04/2015 | 115562 | 5139a | 5139a | 2311 | |
| 14 | C&C Projects Ltd | €1,284.20 | €1,284.20 | T | PF | Design of the Belvedere, road, pavement & pedestrian crossings in Triq il-Fortizza incl preparation of all drawings, sections, meetings with TM & compilation of boqs & estimate | 23/09/2014 | 140914 | n/a | n/a | 7600 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | C&C Projects Ltd | €726.59 | €726.59 | T | PF | Design of the Belvedere, road, pavement & pedestrian crossings in Misrah San Pawl incl preparation of all drawings, sections, meetings with TM & compilation of boqs & estimate | 23/09/2014 | 140916 | n/a | n/a | 7600 | |
| 16 | C&C Projects Ltd | €19,729.60 | €19,729.60 | T | PF | Design of architectural drawings incl. the making of elevations, sections, masterplan, landscaping design & preliminary estimate for the Respite Centre in Naxxar | 23/09/2014 | 140911 | n/a | n/a | 7600 | |
| 17 | Carol Cassar | €450.00 | €450.00 | K | PF | Aerobics Class for BIC & Pilates Class for Naxxar (both from Jan till Mar 15) | 13/03/2015 | 1 | 5052b | 5052b | 3381 | |
| 18 | CasaSoft Ltd | €413.00 | €413.00 | D | PF | Naxxar Walks Website hosting Apr 14 - Mar 15 | 02/04/2015 | 427 | 4756a | 4756a | 3110 | |
| 19 | CasaSoft Ltd | €413.00 | €413.00 | D | PF | Naxxar Walks Website hosting Apr 15 - Mar 16 | 02/04/2015 | 428 | 5142 | 5142 | 3110 | |
| 20 | Chalie Sant | €75.00 | €75.00 | D | PF | Hire of skip at Naxxar Local Council | 28/02/2015 | 3527 | 5096a | 5096a | 3046 | |
| 21 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - Feb 15 | 12/03/2015 | 6 | n/a | n/a | 3051 | |
| 22 | Clint Muscat | €50.00 | €50.00 | D | PF | Hire of cherry picker - Tizbigh tal-arblu tal-bandiera li jinsab fil-Pjazza Vittorja | 06/03/2015 | 9312538 | 5111b | 5111b | 2375 | |
| 23 | Commissioner of Inland Revenue | €3,025.60 | €3,025.60 | D | PF | FFS + NI - Feb 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 18561 |
| 24 | CV Woodworks Co. Ltd | €31.00 | €31.00 | D | PF | Plywood for covering gutter in Triq il-Kappella ta' Santa Marija | 06/04/2015 | 253 | 5143 | 5143 | 2310 | |
| 25 | Datatrak IT Services Ltd | €30.46 | €30.46 | D | PF | 2 pre regional tickets paid in Mar 15 | 31/03/2015 | 1011088 | n/a | n/a | 3610 | |
| 26 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette dated 10/03/2015 re T04/2015 Mobile Application | n/a | n/a | 5122 | 5122 | 2940 | 18562 |
| 27 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert dated 17/03/2015 with regards to Annual Locality Meeting | n/a | n/a | 5128a | 5128a | 2940 | 18596 |
| 28 | Dimbros Ltd | €407.80 | €407.80 | K | PF | Bulky refuse collection - Mar 15 | 01/04/2015 | 862 | n/a | n/a | 3042 | |
| 29 | Environmental Landscapes Consortium Ltd | €3,047.92 | €3,047.92 | T | PF | Garden maintenance - Feb 15 | 28/02/2015 | 12324 | n/a | n/a | 3061 | |
| 30 | Environmental Landscapes Consortium Ltd | €3,047.92 | €3,047.92 | T | PF | Garden maintenance - Mar 15 | 31/03/2015 | 12636 | n/a | n/a | 3061 | |
| 31 | Evelyn Muscat | €23.00 | €23.00 | D | PF | Subsistence għal ikla waħda għall-ewwel lejl f'istanbul - Project Authentic Europe Greece Mar 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | 18576 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 32 | Evelyn Muscat | €44.00 | €44.00 | D | PF | Reimbursement re. expenses incurred for the travel insurance - Project Authentic Europe Greece Mar 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | 18583 |
| 33 | FCM Travel Solutions | €78.00 | €78.00 | K | PF | Travel Insurance for 5 persons re. Greece visit [Project Authentic Europe Mar 2015] | 23/03/2015 | 84612 | 5138 | 5138 | 2540 | |
| 34 | FCM Travel Solutions | €3,457.30 | €3,457.30 | K | PF | Travelling from Malta to Istanbul to Thessaloniki to Malta incl overnight stay | 06/03/2015 | 83535 | 5117 | 5117 | 2540 | |
| 35 | Forestals | €122.61 | €122.61 | D | PF | Maintenance on front office's kiosk | 10/03/2015 | 62694 | 5124 | 5124 | 2375 | |
| 36 | Fr Paul Attard | €80.00 | €80.00 | D | PF | Usage of BIC Hall for the 5th Zumba Class during the period Oct 14 till Jan 15 | 18/03/2015 | Nxr 2/15 | n/a | n/a | 3381 | |
| 37 | G4S Security Services Ltd | €336.30 | €336.30 | D | PF | Cash collection service - Feb 15 | 28/02/2015 | GS011876 | n/a | n/a | 3190 | |
| 38 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | D | PF | Contract Manager fee - Mar 15 | 30/03/2015 | 2697 | n/a | n/a | 3130 | |
| 39 | Go plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | Rental charge - Mar 15 (21417224) | 11/03/2015 | 42461936 | n/a | n/a | 2160 | 18563 |
| 40 | Go plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | Rental charge - Mar 15 (21416363) | 11/03/2015 | 42462088 | n/a | n/a | 2160 | 18564 |
| 41 | Go plc | €75.64 | €75.64 | D | PF | Rental charge - Mar 15 (21416341) & telephony usage - Feb 15 (21416341) | 11/03/2015 | 42462084 | n/a | n/a | 2160 | 18565 |
| 42 | Grace Camilleri | €170.82 | €170.82 | D | PF | Branch librarian services - Feb 15 | 03/03/2015 | Feb-15 | n/a | n/a | 2995 | |
| 43 | Grech & Ellul | €102.50 | €102.50 | D | PF | White spirit, undercoat & paint for the benches in Gnien Santa Marija tal-Angli 'BIC' | 23/03/2015 | 292721 | 5130 | 5130 | 2310 | |
| 44 | Image Systems Ltd | €113.46 | €113.46 | D | PF | Ink per page for office photocopier - Feb 15 | 28/02/2015 | FSMA/112917 | n/a | n/a | 2670 | |
| 45 | Johns Garage | €50.00 | €50.00 | K | PF | Transport service from Naxxar Civic Centre to Airport & return [Project Authentic Europe Mar 2015 - Greece visit] | 27/03/2015 | 154736 | 5129 | 5129 | 2720 | |
| 46 | Julian Christopher Zarb | €23.00 | €23.00 | D | PF | Subsistence għal ikla waħda għall-ewwel lejl f'istanbul - Project Authentic Europe Greece Mar 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | 18579 |
| 47 | Jurgen Attard | €266.00 | €266.00 | T | PF | Ground warden - Feb 15 | 28/02/2015 | 158738 | n/a | n/a | 3191 | |
| 48 | Jurgen Attard | €1,380.00 | €1,380.00 | T | PF | Handyman service - Feb 15 | 28/02/2015 | Feb-15 | n/a | n/a | 3125 | 18488 |
| 49 | Jurgen Attard | €294.50 | €294.50 | T | PF | Ground warden - Mar 15 | 31/03/2015 | 158739 | n/a | n/a | 3191 | |
| 50 | Jurgen Attard | €1,518.00 | €1,518.00 | T | PF | Handyman service - Mar 15 | 31/03/2015 | Mar-15 | n/a | n/a | 3125 | 18590 |
| 51 | Kevin Mallia | €23.00 | €23.00 | D | PF | Subsistence għal ikla waħda għall-ewwel lejl f'istanbul - Project Authentic Europe Greece Mar 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | 18577 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 52 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €101.94 | €101.94 | K | PF | Traffic signs & brackets | 17/03/2015 | 20597 | 5107, 5113, 5118 | 5107, 5113, 5118 | 2313 | |
| 53 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €99.18 | €99.18 | K | PF | Traffic signs & street names | 17/03/2015 | 20598 | 5103, 5107 | 5103, 5107 | 2313 | |
| 54 | Leo's Garage Paramount | €240.96 | €240.96 | K | PF | Transport service for the elderly - Jan 15 | 31/01/2015 | 10001180 | 5059 | 5059 | 2720 | |
| 55 | Leo's Garage Paramount | €109.98 | €109.98 | K | PF | Transport service for the elderly - Feb 15 | 28/02/2015 | 10001265 | n/a | n/a | 2720 | |
| 56 | Leo's Garage Paramount | €43.99 | €43.99 | K | PF | Transport service for the elderly - Feb 15 | 28/02/2015 | 10001313 | n/a | n/a | 2720 | |
| 57 | Liliana Fenech | €150.00 | €150.00 | D | PF | Baloon modelling & animation services during "Raħal tal-Milied" 2014 | 15/03/2015 | 12-2015 | 5020a | 5020a | 3370 | |
| 58 | Lino Micallef | €141.60 | €141.60 | D | PF | Hire of skip | 24/03/2015 | 2015-021 | 5139 | 5139 | 3046 | |
| 59 | Longbow Ltd | €228.92 | €228.92 | D | PF | 2 hand towels & 2 bulk toilet paper | 27/03/2015 | 151518 | 5132 | 5132 | 2950 | |
| 60 | Lorry Azzopardi | €50.00 | €50.00 | D | PF | Opening of drainage blockage on the 31/03/2015 | 01/04/2015 | Nxr 2/15 | 5091 | 5091 | 2310 | |
| 61 | Malcolm Jones | €23.00 | €23.00 | D | PF | Subsistence għal ikla waħda għall-ewwel lejl f'istanbul - Project Authentic Europe Greece Mar 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | 18581 |
| 62 | Maltapost plc | €107.27 | €107.27 | T | PF | Distribution of Carnival flyer in mid-Feb 15 | 04/03/2015 | 47107 | n/a | n/a | 3370 | |
| 63 | Maria Deguara | €69.00 | €69.00 | D | PF | Subsistence allowance due to the official visit to Sardegna - Jan 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | |
| 64 | Maria Deguara | €353.04 | €353.04 | D | PF | Mayor's allowance - Mar 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 65 | Maryanne Cuomo | €23.00 | €23.00 | D | PF | Subsistence għal ikla waħda għall-ewwel lejl f'istanbul - Project Authentic Europe Greece Mar 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | 18575 |
| 66 | Mary Louise Mallia | €23.00 | €23.00 | D | PF | Subsistence għal ikla waħda għall-ewwel lejl f'istanbul - Project Authentic Europe Greece Mar 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | 18580 |
| 67 | Maypole Ltd | €56.00 | €56.00 | D | PF | 350 small ftiras for Health Week event in Naxxar | 02/04/2015 | 531 | 5143a | 5143a | 3370 | |
| 68 | Melita plc | €19.98 | €19.98 | D | PF | TV monthly bill - Apr & May 15 | 01/04/2015 | 101161940 | n/a | n/a | 2165 | 18594 |
| 69 | Melita plc | €101.60 | €101.60 | D | PF | Internet Fibre Power - Apr 15 & Telephony monthly bill - Mar 15 | 01/04/2015 | 101162730 | n/a | n/a | 2160 | 18595 |
| 70 | Ozosystem Ltd | €394.25 | €373.29 | T | PF | Civic Centre Cleaning - Feb 15 | 28/02/2015 | 28083 | n/a | n/a | 3055 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 71 | Paul Borg | €23.00 | €23.00 | D | PF | Subsistence għal ikla waħda għall-ewwel lejl f'istanbul - Project Authentic Europe Greece Mar 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | 18578 |
| 72 | Paul Gatt | €25.51 | €25.51 | D | PF | Re-imbursement for the use of personal vehicle for Council business - Feb 15 | 16/03/2015 | Nxr 2/15 | n/a | n/a | 2750 | |
| 73 | Paul Gatt | €69.00 | €69.00 | D | PF | Subsistence allowance due to the official visit to Sardegna - Jan 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | |
| 74 | Paul Gatt | €23.00 | €23.00 | D | PF | Subsistence għal ikla waħda għall-ewwel lejl f'istanbul - Project Authentic Europe Greece Mar 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | 18572 |
| 75 | Paul Gatt | €65.27 | €65.27 | D | PF | Re-imbursement for the use of personal vehicle for Council business - Mar 15 | 01/04/2015 | Nxr 3/15 | n/a | n/a | 2750 | |
| 76 | Pauline Miceli | €23.00 | €23.00 | D | PF | Subsistence għal ikla waħda għall-ewwel lejl f'istanbul - Project Authentic Europe Greece Mar 2015 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2540 | 18574 |
| 77 | Peace Band Club | €1,100.00 | €1,100.00 | D | PF | Street Xmas Décor with rope light | 11/05/2014 | Nxr 2/15 | n/a | n/a | 3362 | |
| 78 | Peace Band Club | €1,100.00 | €1,100.00 | D | PF | Street Xmas Décor with rope light | 16/08/2014 | Nxr 3/15 | n/a | n/a | 3362 | |
| 79 | Peace Band Club | €1,100.00 | €1,100.00 | D | PF | Street Xmas Décor with rope light | 20/11/2014 | Nxr 4/15 | n/a | n/a | 3362 | |
| 80 | Peace Band Club | €1,000.00 | €1,000.00 | D | PF | Full band service - Xmas Event 2014 | 12/01/2015 | Nxr 1/15 | 5020b | 5020b | 3370 | |
| 81 | Perfecta Advertising Ltd | €218.05 | €218.05 | D | PF | Advertising on The Times, TMI, In-Nazzjon, L-Orizzont, Radju Malta | 31/03/2015 | 7172 | 5135 | 5135 | 3350 | |
| 82 | Robert Lia | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq id-Dejqa | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18568 |
| 83 | Romina Perici Ferrante | €377.60 | €377.60 | T | PF | Accountancy service - Jan 15 | 30/01/2015 | 15/003 | n/a | n/a | 3160 | |
| 84 | Romina Perici Ferrante | €377.60 | €377.60 | T | PF | Accountancy service - Feb 15 | 28/02/2015 | 15/009 | n/a | n/a | 3160 | |
| 85 | Romina Perici Ferrante | €377.60 | €377.60 | T | PF | Accountancy service - Mar 15 | 16/03/2015 | 15/015 | n/a | n/a | 3160 | |
| 86 | Sandro Caruana | €466.29 | €466.29 | T | PF | Naxxar Public Convenience Cleaning - Mar 15 | 31/03/2015 | Nxr - Mar 15 | n/a | n/a | 3053 | |
| 87 | Sharon Borg | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq il-Kbira | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18567 |
| 88 | Sharon Magri | €206.71 | €206.71 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq il-Buzjett | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 18566 |
| 89 | SRF & Veladrians | €6,309.35 | €6,309.35 | T | PF | Garbage collection - Feb 15 | 02/03/2005 | 246 | n/a | n/a | 3041 | |
| 90 | SRF & Veladrians | €2,471.32 | €2,471.32 | T | PF | Collection of skips on wheels - Feb 15 | 02/03/2015 | 245 | n/a | n/a | 3043 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 91 | SRF & Veladrians | €6,680.81 | €6,680.81 | T | PF | Garbage collection - Mar 15 | 01/04/2005 | 266 | n/a | n/a | 3041 | |
| 92 | SRF & Veladrians | €2,727.29 | €2,727.29 | T | PF | Collection of skips on wheels - Mar 15 | 01/04/2015 | 268 | n/a | n/a | 3043 | |
| 93 | Staff wages | €8,057.17 | €8,057.17 | D | PF | Staff wages - Mar 15 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 94 | Steve Rutland | €295.00 | €295.00 | D | PF | Filming & editing of dvd Xmas Event 2014 | 25/03/2015 | Nxr 1/15 | 5009 | 5009 | 3370 | |
| 95 | TCTC | €1,150.00 | €1,150.00 | D | PF | Learnit Courses Agreement 2015 | 03/03/2015 | 229 | n/a | n/a | 3381 | |
| 96 | The Guard & Warden Service House Ltd | €123.90 | €123.90 | D | PF | Traffic Management for the Carnival Event dated 15/2/2015 | 28/02/2015 | GS001762 | n/a | n/a | 3370 | |
| 97 | Victor Mula | €1,380.00 | €1,380.00 | T | PF | Handyman service - Feb 15 | 28/02/2015 | Feb-15 | n/a | n/a | 3125 | 18487 |
| 98 | Victor Mula | €1,518.00 | €1,518.00 | T | PF | Handyman service - Mar 15 | 31/03/2015 | Mar-15 | n/a | n/a | 3125 | 18591 |
| 99 | Vodafone MT | €104.23 | €104.23 | D | PF | Monthly service - Feb 15 (79404014) | 01/03/2015 | 4542853032015 | n/a | n/a | 2160 | 18486 |
| 100 | Vodafone MT | €103.99 | €103.99 | D | PF | Telephony monthly service - Feb 15 (99370990) | 01/03/2015 | 4546997032015 | n/a | n/a | 2160 | 18582 |
| 101 | Waste Collection Ltd | €5,900.00 | €5,900.00 | D | PF | Reimbursement with regards to the deposit made re. appeal T05/2013 Collection of domestic waste | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 18484 |
| 102 | WasteServ Malta Ltd | €3,840.19 | €2,513.71 | T | PF | Allocated msw waste - Feb 15 (1st half) | 02/03/2015 | 55797 | n/a | n/a | 3040 | |
| 103 | WasteServ Malta Ltd | €3,762.29 | €2,513.71 | T | PF | Allocated msw waste - Feb 15 (2nd half) | 16/03/2015 | 56093 | n/a | n/a | 3040 | |
| | | **€103,795.88** | **€101,199.86** | | | | | | | | | |

ċ

**Income list for the month of March 2015** **02/04/2015**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | Reimbursement with re. to the European Mobility Week Sept 2014 | €2,000.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €435.00 |
| 0025 | Skip Permit | €480.35 |
| 0026 | Crane Permit | €1,085.60 |
| 0027 | Kiosk permit | €186.32 |
| 0028 | Outside Activity permit | €10.00 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €83.88 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €105.98 |
| 0125 | Trenching permits | €4.66 |
| 0200 | Debtors | €2,096.56 |
| 4006 | Contractors guarantees | €930.00 |
| | **TOTAL** | **€7,418.35** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 13938 |
| | To | 14198 |

**D**

**Purchase Order list for the month of March 2015** **02/04/2015**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/03/2015 | 5111a | Eco Pure | Rental of Hot & Cold Free Standing cooler [1/3/15 till 29/2/16] | €83.97 |
| 01/03/2015 | 5111b | Clint Muscat | Hire of cherry picker (tizbigh tal-arblu tal-pjazza) | €50.00 |
| 02/03/2015 | 5112 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €45.55 |
| 02/03/2015 | 5113 | Koptasin Ltd | 35km sign + pole | €37.10 |
| 02/03/2015 | 5114 | Hire shop | Hire of cutter & jigger | €38.00 |
| 03/03/2015 | 5115 | Archway Ironmongery | Sink waste water pipe, key cuts, etc. | €27.85 |
| 04/03/2015 | 5116 | Leo's Garage Paramount | March 2015 Cultural Tour 'BIC' | €65.00 |
| 04/03/2015 | 5117 | FCM Travel Solutions | Travelling from Malta to Greece & vice versa | €3,457.30 |
| 04/03/2015 | 5118 | Koptasin Ltd | 2 signs Keep Left | €34.80 |
| 06/03/2015 | 5119 | J&S Store | Spray, filler, brush, etc. | €17.89 |
| 06/03/2015 | 5120 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €45.55 |
| 09/03/2015 | 5121 | Joe Bartolo | Hrs performed with NLC handyman for dismantling Xmas décor | €300.00 |
| 10/03/2015 | 5122 | DOI | Advert on Govt Gazette dated 10/03/2015 "T04/2015 mobile application" | €9.32 |
| 10/03/2015 | 5123 | DLG | Advert on TMI dated 11/03/2015 "T04/2015 mobile application" | €170.00 |
| 02/03/2015 | 5124 | Forestals | Maintenance on kiosk | €122.61 |
| 11/03/2015 | 5125 | J&S Store | Stucco & keys | €11.40 |
| 12/03/2015 | 5126 | Koptasin | Road Markings in Raheb Kurradu as per quote 195/15 | €487.50 |
| 12/03/2015 | 5127 | Robert Galea | Aerobics Class at Nxr starting on Mon 27/4/2015 (2/2015) | |
| 13/03/2015 | 5128 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €159.42 |
| 16/03/2015 | 5129 | Johns Group | Transport service from NLC to airport & return (Greece) | €50.00 |
| 18/03/2015 | 5130 | Grech & Ellul | Paint, white spirit & undercoat for benches in Gnien BIC | €102.50 |
| 23/03/2015 | 5131 | Koptasin Ltd | 2 signs Keep Left (60cm & 90cm) | €33.06 |
| 23/03/2015 | 5132 | Safety & Security Management Ltd | Toiletries | €228.92 |
| 25/03/2015 | 5133 | Koptasin Ltd | Cul de sac and Pedestrian crossing ahead signs + pole | €53.20 |
| 25/03/2015 | 5134 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €159.42 |
| 13/03/2015 | 5135 | Perfecta | Adverts | €218.05 |
| 26/03/2015 | 5136 | Floreal | Flowers- conference room | €20.00 |
| 26/03/2015 | 5137 | J&S Store | Tubu, large heavy duty bags, spray, etc | €40.87 |
| 13/03/2015 | 5138 | FCM Travel Solutions | Travel Insurance (Greece) | €78.00 |
| 13/03/2015 | 5139 | JM Skips | Hire of skip | €141.60 |
| | | | **Total** | **€6,288.87** |